MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2010

Numru. 1175/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Mario Haber]**

**vs**

**Raphael Coulibaly**

**Kumpilazzjoni Numru 1175/2010**

**Illum, 10 ta' Novembru, 2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Raphael Coulibaly, nazzjonalita Mali, imwieled f'Distrett Bamako, Mali fit-3 ta' Gunju, 1979, iben Jean Baptiste u Kamissa u detentur tan-numru ta' Passaport A1437281.

Akkuzat talli fid-9 ta' Novembru, 2010 u fil-jiem ta' qabel, f'Malta, bil-hsieb illi jaghmel xi qliegh li jkun, ghen, assista, ta parir jew habbrek biex persuni ohra jidhlu jew jaghmlu tentattiv biex jidhlu jew johorgu jew jaghmlu tentattivi biex johorgu minn Malta bi ksur tal-Ligijiet ta' Malta, jew li sew f' Malta sew barra minn Malta kkonguraw f'dak is-sens ma' xi persuni ohra (Kap 9, Sec 337(a) tal-Ligijiet ta' Malta).

Kif ukoll talli taht l-istess cirkostanzi ghen jew assista lil persuna biex tinzel l-art jew tittanta tinzel l-art f'Malta jew li toqghod gewwa Malta, kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jew li joqghod gewwa, jew li jitlaq minn xi Stat iehor bi ksur tal-ligi dwar id-dhul, ir-residenza u l-hrug ta' dan l-istat, jew jahbi jew jaghti kenn lil xi persuna li jkun jaf, jew kellu tassew ghax jahseb, li tkun qieghda f' Malta kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att (Kap 217, Sec 32 (1a) tal-Ligijiet ta' Malta).

Kif ukoll talli kellu fil-pussess tieghu passaporti u dokumenti tar-residenza, mahruga minn awtorita' kompetenti, cioe' passaporti u dokument tar-residenza Spanjoli, mahruga f'isem Fode Keita bin-numru B0209097 u E13064982 rispettivament, u f'isem Fabourama Keita bin-numru A14511026 u E12646299 rispettivament, ittrasferixxa dawn id-dokumenti lil persuni ohra jew ircieva id-dokumenti li gew ittrasferiti lilu minn persuna ohra (Kap 61, Sec 3 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat l-artikolu 337A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 3 tal-Kapitolu 61 ta-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 32(1)(a) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din l-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma doin l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni minn-naha l-gravita tar-reati li taghhom l-imputat qed jinstab hati. U min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikolu 337A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 3 tal-Kapitolu 61 ta-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 32(1)(a) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sena prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------